**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Gimgha, 15 ta' Marzu, 2002**

Citazzjoni Numru: **219/02TM**

Numru**: 6**

**Bonnici Edwards & Company Limited**

vs

**Michael u Marlene konjugi Mercieca**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici ppremettiet li l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' LM15,000 import ta' 30 kambjala, li jgibu n-numri 1 sa 30, biz-zewg numri inkluzivament u kumulattivament, ilkoll debitament accettati u skaduti mit-30 t'Awissu 1999 sat-30 ta' Jannar, 2002, li qed jigu hawn annessi u markati dokumenti ittri "A" sa "AD".

Ippremettiet li ghalkemm mitluba diversi drabi sabiex ihallsu, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ippremettiet li l-kreditu tas-socjeta' l-attrici fis-somma ta' LM15,000 huwa cert, likwidu u esigibbli, u sa fejn taf is-socjeta' attrici, il-konvenuti ma ghandhom ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta' dik is-somma, u dan kif jidher mill-affidavit ta' Henry Bonnici, rapprezentant tas-socjeta' attrici, hawn anness dokument ittra "AE".

Talbet biex ighidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija,

(1) Taghti sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u

(2) Tikkundanna minnufih lill-konvenuti jhallsu lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' Lm15,000 hawn fuq imsemmija u dovuta kif intqal aktar il-fuq.

Bl-imghax, mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sal-gurnata tal-pagament effettiv, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid u mandat ta' sekwestru prezentati kontestwalment ma' dan l-att ta' citazzjoni, kollox kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talba b' **LM1,100** stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettiet t-talba kif ridotta;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba ridotta tirrrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament ghas-somma ta' **Lm13,900** u bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**IMHALLEF**

**D/REG**